# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 10**

**Rikors numru 176/2019 FDP**

**Morgan Onuorah**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu każ ieħor li jitratta dwar stqarrija li ta persuna suspettata b'reati meta kien fil-kustodja tal-pulizija. Fid-19 ta' Frar 2010 ir-rikorrent kien ta stqarrija lill-pulizija, u fit-22 ta' Frar 2010 kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u akkużat b'assoċjazzjoni ma' persuni oħra sabiex ibigħ jew jitraffika l-kokajina f'Malta, li forna jew ipprokura f'Malta d-droga kokajina, kellu fil-pussess

tiegħu d-droga kokajina, u talli għamel *money laundering*. Fil-15 ta' Ġunju 2015 ħareg l-att ta' akkuża kontra r-rikorrent. Fl-20 ta' Settembru 2019 ir-rikorrent ippreżenta l-kawża u talab lill-qorti sabiex:

> *"1. Tiddikjara illi minħabba l-fatt illi, l-esponenti ma kellux l-assistenza legali waqt l-arrest u l-interrogazzjoni tiegħu, ġew leżi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti għal smigħ xieraq kif sanċiti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;*
>
> *"2.Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi".*

*2.* Bi tweġiba preżentata fit-30 ta' Settembru 2019, l-intimat wieġeb b'mod preliminari li:-

> *"1. Illi qabel xejn l-esponent jemmen li l-ilment tar-rikorrenti huwa għal kollox bikri peress li l-proċeduri kriminali kontrih għadhom ma ngħalqux. S'issa għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi r- rikorrent sejjer jiġi żvantaġġjat waqt is-smigħ kriminali tiegħu. Għal dak li jiswa r-rikorrent jista' jiġi meħlus mill-akkużi miġjuba kontrih. Tassew f'dan l-istadju tal-proċeduri mhuwiex indikattiv li proċeduri kriminali jiġu mitħaddta in vacuo (ara f'dan is-sens is-sentenzi tal- Qorti ta' Strasburgu Martin Dimech vs. Malta maqtugħa fit-2 t'April 2015 u Tyrone Fenech u Amanda Agius vs. Malta deċiża fil-5 ta' Jannar 2016 li inċidentalment kienu jmissu ma' ilmenti dwar l- istqarrija);*
>
> *"2.Illi b'żieda ma' dan, huwa mtenni wkoll f'ġurisprudenza maqbula, li biex jinsab ksur tas-smigħ xieraq, kif imħares taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, huwa meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fis-sħiħ tiegħu u mhux f'biċċa minnu (ara Farrugia vs. Malta maqtugħa fl-4 ta' Ġunju 2019 li wkoll kien fiha ilment dwar stqarrija meħuda fi stadju ta' interrogazzjoni). Jiġi b'hekk, li huwa aktar għaqli li l-proċess kriminali jitħalla miexi mingħajr xkiel".*

3. B'sentenza tal-15 ta' Lulju 2020 il-Qorti Ċivili, Prim'Awla ċaħdet it-talba tar-rikorrent wara li laqgħet l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali.

4. L-ewwel Qorti rraġunat:-

*"35. Jirriżulta, għalhekk, illi fil-każ odjern, il-proċeduri kriminali għadhom lanqas biss bdew u, kif stqarr il-konsulent legali tar-rikorrent stess, ir-rikorrent għadu lanqas biss xehed fil-proċeduri kriminali ! (fol 36).*

*"36. Jirriżulta, għalhekk, illi l-Qorti hija fl-impossibbilta' illi tapplika l-prinċipji enunċjati mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ 'Farrugia' fuq imsemmi qabel ma jkunu ingħalqu l-proċeduri kriminali peress illi, fi kliem il-Qorti ta' Strasburgu, "the nature of the statements and their use is of particular relevance in the present case",* u sabiex jiġi stabbilit il 'paricular relevance' fuq indikat, din l-Qorti teħtieġ tara kif, fil-prattika, tali stqarrijiet *ser jintużaw kontra r-rikorrent u jekk tali użu huwiex ser ikun leżiv għad-drittijiet tiegħu, liema evalwazzjoni ma tistax issir ħlief wara li l-proċess ġudizzjarju jintemm.*

*"37. Madanakollu, għal darba oħra il-Qorti terġa' tagħmel tagħha dak dikjarat fil-każ ta' 'Christopher Polidano' fuq riferit, fejn il-Qorti ġustament qalet "tirrikonoxxi li l-użu li jista' jsir mill-istess stqarrija da parti tal-Qorti Kriminali għandu jkun wieħed b'kawtela kbira u in linea mal-insenjamenti reċenti tal-Qorti Ewropeja"*

*"38. Dana qed jingħad b'referenza partikolari għar-"Relevant factors for the overall fairness assessment" aktar 'l fuq imsemmija u elenkati mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*"39. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, abbażi tal-ġurisprudenza fuq imsemmija u r-raġunament minnha pprovdut, din il-Qorti għalhekk tqis illi l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet jimmeritahom li jiġu akkolti.*

*"40. Il-Qorti tqis ukoll illi ma hemmx lok illi tikkunsidra l-eċċezzjonijet l-oħra imqajjma mill-intimat.*"

5. B'rikors preżentat fit-28 ta' Lulju 2020, ir-rikorrent appella u lmenta li l-istqarrijiet saru fi żmien meta ma setax ikollu l-avukat preżenti miegħu u għalhekk ma ġewx spjegati lilu l-konsegwenzi. Ir-rikors tal-appell jikkonsisti f'rassenja estensiva ta' sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-qrati Maltin, kif ukoll għall-estratti minn kotba tal-liġi.

6. L-Avukat Ġenerali wieġeb li r-riferenzi kollha li ssemmew mir-rikorrent, jirreferu għall-proċeduri kriminali fejn il-proċess kriminali intemm u l-applikant instab ħati li wettaq reat. Min-naħa l-oħra fil-każ in eżami l-proċeduri kriminali s'issa għadhom pendenti. Kompla li għalkemm ittieħdet stqarrija mingħajr l-assistenza ta' avukat, dak il-fatt waħdu m'huwiex biżżejjed sabiex jingħad li seħħ ksur tal-jedd fundamentali ta' smigħ xieraq.

7. Fir-realta` il-kwistjoni kollha hi jekk l-istqarrijiet li ttieħdu mingħajr il-presenza tal-avukat għandhomx jintużaw fil-kawża kriminali r-Repubblika ta' Malta v. Izuchukwu Morgan Onuorah (Numru 11/2015).

8. Skont l-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni:-

> *"1. In the determination of ... any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair ... hearing ... by [a] ... tribunal ...*
>
> *...*
>
> *"3. Everyone charged with a criminal offence has the following minimum rights:*
>
> *...*
>
> *"(c) to defend himself in person or through legal assistance of his own choosing or, if he has not sufficient means to pay for legal assistance, to be given it free when the interests of justice so require ..."*

9. Hu ovvju li f'dan l-istadju m'huwiex possibli li wieħed jagħmel xi ġudizzju dwar jekk il-proċeduri kriminali kinux *fair* meta tikkunsidrahom fit-totalita` tagħhom ġialadarba l-ġuri għad irid isir. F'dan ir-rigward il-Qorti Ewropea stess fil-kawża <u>Simons v. Belgium</u> (app. 71407/10) deċiża

fit-28 ta' Awwissu 2012 qalet li fejn il-proċeduri kienu għadhom pendenti, kien prematur li jinstab ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

> *"18. Selon la Cour, prise sous l'angle de l'article 6 §§ 1 et 3 c) de la Convention, la requête est en tout état de cause prématurée. Elle constate en effet que la procédure interne est pendante au stade de l'instruction. Or, d'une part, la conformité d'un procès aux principes fixés à l'article 6 de la Convention doit en principe être examinée sur la base de l'ensemble du procès (voir, parmi d'autres, Mitterrand c. France (déc.), no 39344/04, 7 novembre 2006). D'autre part, un «accusé» ne peut se dire victime d'une violation de son droit à un procès équitable en l'absence de déclaration de culpabilité et de condamnation (voir, par exemple, Bouglame c. Belgique (déc.), no 16147/08, 2 mars 2010).*
>
> *"La Cour déduit de ce qui précède que, prise sous l'angle de l'article 6 §§ 1 et 3 c) de la Convention, la requête doit être rejetée en application de l'article 35 §§ 1 et 4 de la Convention".*

10. Hu fatt li persuna suspettata li kkommettiet reat għandha jedd li ma tinkriminax lilha nnifisha. Fil-każ in eżami fl-istqarrija apparti fatti oħra li ssemmew, ir-rikorrent qal:-

i. Li kien jagħmel użu mill-kokajina;
ii. Li kellu jikkonsenja madwar 10 grammi kokajina lil raġel Malti, u ta' dan kellu jirċievi madwar elf euro (€1,000).
iii. Mistoqsi kemm ilu jinnegozja fid-droga, wieġeb *"I'm not dealing in drugs. This is my first time"*.

11. Evidenti li l-istqarrija fiha ammissjonijiet għal xi wħud mir-reati addebitati lill-attur fl-att ta' akkuża.

12. Fil-proċeduri kriminali permezz ta' rikors li ppreżenta fit-23 ta' Frar 2018, ir-rikorrent għamel talba lill-Qorti Kriminali sabiex jagħti eċċezzjoni li taqra:-

> *"1. The applicant humbly submits that the statement which he submitted to the police while he was being interrogated is inadmissible and should be removed from the acts of the proceedings since he was not given the right to have the lawyer present during the interrogation whilst making the statement and thus this was in violaiton of his fundamental huma rights enshrined in Article 6 of the European Convention of Human Rights and Article 39 of the Constitution of Malta"*.

13. F'seduta li saret fis-16 ta' Jannar 2019 il-Qorti Kriminali qalet:

> *"Il-Qorti rrilevat illi l-eċċezzjoni preliminari preżentata mill-akkużat fit-23 ta' Frar 2018, ma jsibu l-ebda konfort fis-sistema legali stante li ġew preżentati tardivament u l-Qorti tidderiġi lid-difiża sabiex jindirizza tali lment quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali)"*.

14. Fiż-żmien li ngħatat dik l-istqarrija ir-rikorrent ma kellux jedd għall-preżenza tal-avukat ta' fiduċja tiegħu waqt l-interrogazzjoni, sabiex jipparteċipa b'mod effettiv fl-istess. Dritt li eventwalment sar parti mill-Kodiċi Kriminali permezz tal-Att LI tal-2016.

15. Fiż-żmien rilevanti l-liġi kienet tagħti l-jedd lis-suspettat li jitkellem ma' avukat biss qabel l-interrogazzjoni (Att III tal-2002). Disposiżżjoni li daħlet fis-seħħ fl-10 ta' Frar 2010 u kienet tipprovdi:-

> *"355AT. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), persuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni awtorizzat għandha, jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal mhux iktar minn siegħa żmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-*

*persuna taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet li għandha taħt dan is-subartikolu."*

16. Fil-bidu tal-istqarrija tar-rikorrent hemm ukoll stampat il-kliem:-

*"You do not have to say anything unless you wish to do so, but what you say may be given in evidence; However, should you refuse to say anything or omit to state some fact, a rule of inference amounting to corroborative evidence may be drawn by the court or any other adjudicator if during the trial you will put forward any defence based on a fact which you did not state during the interrogation"*.

17. Dikjarazzjoni li bejn wieħed u ieħor tirriproduċi dak li kien jipprovdi l-Artikolu 355AU tal-Kodiċi Kriminali.

18. Fis-sentenza Graziella Attard v. Avukat Ġenerali tas-27 ta' Settembru 2019, il-Qorti Kostituzzjonali wara li għamlet referenza ampja għal dak li qalet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza ta' Beuze v. il-Belġju (71409/2010) tad-9 ta' Novembru 2018, qalet:-

*"9. Igħid sew għalhekk l-Avukat Ġenerali illi l-jedd mogħti taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni (kif ukoll taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni) huwa l-jedd għal smigħ xieraq u mhux il-jedd li tkellem avukat qabel interrogazzjoni mill-pulizija (għalkemm issa dak il-jedd ingħata bis-saħħa ta' strumenti leġislativi oħra), u illi biex tgħid jekk tħarisx il-jedd għal smigħ xieraq trid tqis il-proċess kollu, u mhux biss episodju iżolat, sakemm ma jintweriex illi dak l-episodju kellu effett hekk drastiku illi ikkontamina l-proċess kollu"*.

19. Ir-raġunament tal-QEDB fil-każ ta' Beuze kien addottat ukoll mill-istess Qorti fis-sentenza Charles Kenneth Stephens v. Malta (35989/14) tal-14 ta' Jannar 2020 (ara paragrafi 70 u 72 ta' dik is-sentenza).

20. Kif osservat din il-Qorti fis-sentenza Stephen Pirotta v. L-Avukat Ġenerali et tas-27 ta' Settembru 2019, l-interpretazzjoni li tat il-QEDB fis-sentenza Beuze:

> *".....hija eqreb mal-posizzjoni li kienet ħadet din il-qorti qabel is-sentenza ta' Borg milli mal-interpretazzjoni mogħtija mir-Raba' Sezzjoni f'Borg u effettivament tfisser li kellha raġuni il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta fil-posizzjoni li kienet ħadet fil-każ ta' Muscat u fis-sentenzi li segwew, qabel ma kienet kostretta tbiddel dik l-interpretazzjoni fid-dawl ta' Borg. L-interpretazzjoni ta' Borg twarrbet, u effettivament twarrbet ukoll, kif hu xieraq, iċ-"ċanfira" xejn mistħoqqa lil Malta li l-attur tant saħaq dwarha fl-ewwel aggravju tiegħu"*.

21. Fil-każ Graziella Attard v. Avukat Ġenerali, din il-Qorti kompliet tgħid:-

> *"10. Madankollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fundamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali, illi ma jkunx għaqli – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat.*
>
> *"11.Għaldaqstant tipprovdi dwar dan l-aggravju tal-avukat Ġenerali billi tgħid illi, għalkemm ma seħħ ebda ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq meta tteħditilha stqarrija, madankollu dik l-istqarrija ma għandhiex tibqa' fl-inkartament tal-kawża kontriha"*.

22. F'dik is-sentenza l-Qorti kkonkludiet li għar-raġunijiet li jissemmew fiha, fosthom dak li ntqal f'paragrafu 10, ma jkunx *"..... għaqli li jsir użu mill-istqarrija waqt il-proċess kriminali, .........."*. Raġunament li din il-Qorti diġa` addottat f'sentenzi preċedenti, bħal Christopher Bartolo v. Avukat

Ġenerali et tal-5 ta' Ottubru 2018 u Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) v. Aldo Pistella tal-14 ta' Diċembru 2018.

23. Rilevanti wkoll li fejn isir ġuri, kif ser isir f'dan il-każ, huma l-ġurati li jagħmlu l-apprezzament tal-provi u l-verdett ma jkunx fih motivazzjoni. Għalhekk jeżisti l-periklu ċar li l-ġurati jibbażaw id-deċiżjoni tagħhom fuq dik il-prova.

24. Fir-rikors tal-appell u t-tweġiba ma saret l-ebda referenza għal din il-ġurisprudenza, li l-Qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tkompli issegwi.

25. Fl-aħħar aggravju r-rikorrent argumenta dwar ir-rimedji. Isostni li:

> *"Illi jiġi rilevat illi jekk hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem minħabba kemm l-operat tal-Pulizija Investigattiva u kemm mill-Avukat Ġenerali, awtomatikament il-proċeduri sussegwenti fil-konfront tal-appellanti kienu monki u jilledu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem peress li bdew u bbazati fuq ċirkostanzi leżivi għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. L-appellant jirrileva illi l-Qorti bħala Sede Kostituzzjonali għandha tiggarantixxi il-korrettezza tal-proċeduri meħuda u s-sentenza infushom fis-sens illi għandhom jiġu garantiti l-ħarsien ta' ċertu prinċipji proċedurali li huma indispensabbli għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja"*.

26. Kif diġa` issemma, il-fatt waħdu li saret l-interrogazzjoni mhux fil-presenza ta' avukat ta' fiduċja tal-attur m'huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq. Madankollu l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali, li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-reati li akkużat biha, taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd

fundamentali. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra l-ġurisprudenza ampja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li issa ilha s-snin tirrepeti l-istess insenjament.

27. Li s-suspettat jitkellem ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, l-assistenza ta' avukat wara li tkun saret l-interrogazzjoni u n-natura *adversarial* tal-kawża kriminali sussegwenti, m'humiex garanzija adegwata li jirrimedjaw għad-difett li s-suspett ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni li saret meta kien taħt arrest. Fis-sentenza riċenti Mehmet Zeki Celebi v. Turkey (App. 27583/07) il-QEDB kompliet tisħaq:

> *"57. The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to legal advice. The Court also reiterates that it is only in very exceptional circumstances that it can conclude that a given trial has not been prejudiced by the restriction of an applicant's right of access to a lawyer (see Dimitar Mitev v. Bulgaria, no. 34779/08, 71, 8 March 2018)".*

28. Irrispettivament taqbilx mar-raġunament ta' dik il-Qorti internazzjonali, jibqa' l-fatt li l-ġurisprudenza kienet ċara meta ngħatat is-sentenza ta' Salduz f'Novembru 2008 fis-sens li n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat waqt interrogazzjoni tal-pulizija kiene difett proċedurali. Dan għalkemm bis-sentenza Ibrahim and Others v. the United Kingdom tat-13 ta' Settembru 2016, il-Grand Chamber għamlet enfażi fuq l-*'overall fairness'* tal-proċeduri kriminali u fis-sentenza Beuze v. Belgium tad-9 ta'

Novembru 2018 l-istess qorti kompliet tiċċara kif kellu jiġi applikat dak il-prinċipju.

29. Fl-aħħar mill-aħħar il-qrati domestiċi ma jistgħux jippermettu li f'proċeduri kriminali li għadhom pendenti jitħallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bħala difett proċedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-proċess kriminali kollu. Illum il-ġurnata hi l-istess Qorti Kriminali li qegħda taddotta din il-posizzjoni f'deċiżjonijiet preliminari li qegħdin jingħataw (hekk per eżempju **r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Sultana** deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2020 u **r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello** tat-3 ta' Diċembru 2019).

30. Kien id-dmir tal-Gvernijiet differenti matul is-snin li jaġġornaw ruħhom mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea u ma jistennewx sal-2016 sabiex jintroduċu disposizzjoni fil-Kodiċi Kriminali li s-suspettat għandu jedd għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni li ssir meta jkun fil-kustodja tal-pulizija. Emenda li saret sabiex tittrasponi d-disposizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew (ara Art. 355AT tal-Kodiċi Kriminali), li fost miżuri oħra assigurat id-dritt tas-suspettat għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell, b'dan li tagħti direzzjoni lill-Qorti Kriminali sabiex fil-proċeduri kriminali *The Republic of Malta v. Izuchukwu Morgan Onourah* (att ta' akkuża numru 11/2015) ma tippermettix l-użu bħala prova tal-istqarrija li l-appellant kien ta waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija.

Spejjeż tal-appell jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet, filwaqt li l-ispejjeż tal-ewwel Qorti jibqgħu l-istess.

Tordna vera kopja ta' din is-sentenza titpoġġa fl-atti tal-imsemmija kawża kriminali.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr